**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tnejn 11 ta' Diċembru 2017**

**App. Nru. 307/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Stagno Navarro**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Keith Stagno Navarro, karta ta' l-identita` numru 3670(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) f'Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti li bihom ikkorrompew uffiċjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minħabba dan, dan l-uffiċjal fid-Dipartiment tal-VAT naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel;

(2) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, talab, irċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 121QA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom, dawn b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(4) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom, sabiex jinkiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

(5) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom għamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw tagħrif meħtieġ għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqi f'xi rigward materjali.

B'hekk sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u mill-Qorti ta' l-Appell, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet anke mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Keith Stagno Navarro għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha l-ewwel Qorti ma sabitx lill-imsemmi Keith Stagno Navarro ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom u, wara li rat l-artikoli 18, 42, 188, 308, 309,

310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu tmintax (18) il-xahar priġunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) ta' l-istess Kapitolu 9 ikkundannatu għal ħlas ta' multa fl-ammont ta' €25,936.19. Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatu wkoll biex fi żmien sena jħallas is-somma ta' €1,160.67 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Keith Stagno Navarro ppreżentat fl-14 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet; (b) tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u minnhom tilliberah skond il-liġi. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet; rat il-fedina penali aġġornata ta' Keith Stagno Navarro esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Keith Stagno Navarro huma s-segwenti:

> "1. Illi fl-ewwel lok l-esponent bir-rispett jirrileva illi s-sejbien tal-htija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-imputazzjonijiet (c), (d) u (e) hija *unsafe and unsatisfactory*. Kuntrarjament ghall-pozizzjoni mehuda mill-ewwel Onorabbli Qorti, li bazikament l-esponent kien jew ghamel xi haga bi ksur tal-ligi u konsegwentement kellu jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet kollha hlief l-ewwel tnejn, il-fatti rizultanti oggettivament jindikaw il-persuna ta' l-esponent bhala vittma ta' hidma orkestrata minn nies li jagixxu b'ghaqal kbir li jikkonvinci.
>
> "Bir-rispett, dan kollu qed jinghad f'dan l-istadju ta' dan l-umili appell ghaliex appuntu, r-rizultanzi processwali, la darba jipprogettaw lill-esponent bhala vittma u mhux bhala parti minn organizzazzjoni neboluza, igibu fix-xejn it-tezi tal-prosekuzzjoni li l-esponent kellu l-intenzjoni kriminali rikjesta f'kull hin sabiex tinkiser il-ligi applikabbli. In linea generali, meta wiehed jara l-imputazzjonijiet li taghhom l-esponent instab hati u cioe` dawk immarkati bl-ittri (c), (d) u (e), isib illi lkoll jikkontemplaw lill-esponent bhala komplici fid-delitti. U huwa appuntu fuq dan il-punt fejn l-esponent bir-rispett ma jaqbilx mal-pozizzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti.
>
> "L-esponent ghalhekk mhux ser jidhol fuq l-elementi tar-reati izda ser jindirizza l-punt krucjali ta' dan l-umili appell u cioe` il-*concursus delinquentium* – l-element intenzjonali rikjest sabiex imputat jista' jinstab hati bhala komplici f'reat, kif wara kollox jinsab imputat l-esponent.

"Illi fil-kaz odjern ir-rizultanzi processwali, mehuda flimkien fil-kuntest specjali taghhom, u dejjem fil-fehma umili tal-esponent, ma jwasslux sal-grad rikjest mill-ligi ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali. Mhux bizzejjed li jigi ppruvat l-element materjali; jekk l-element intenzjonali huwa nieqes, hazin kemm hu hazin moralment l-agir tal-persuna jew negligenti kemm kien negligenti il-persuna, ma hemmx reat.

"Bir-rispett, jigi mistoqsi, x'hemm fil-process ossia fir-rizultanzi li **oggettivament** jindikaw u jippruvaw li, bejn l-esponent u terzi (f'dan il-kaz jidher li kien biss Alfred Mallia), ezistiet – fil-mument ta' l-ewwel laqgha bejniethom (fejn l-esponent stqarr il-problema f'hiex kienet tikkonsisti) u fit-tieni laqgha meta tah il-flus u xi cekkijiet – l-intenzjoni komuni bejniethom – il-*concursus delinquentium* – sabiex jingannaw lill-Gvern (VAT department), sabiex jaghmlu stqarrija falza f'dokument u sabiex jaghmlu denunzja qarrieqa.

"Illi f'dan il-kuntest wiehed ma jridx jinsa, kif gia gie accennat aktar il-fuq f'dan l-aggravju, illi dan il-kaz jipprospetta xi haga stramba u cioe` lill-esponent li jidher li waqa' f'nassa li, mhux biss gabitlu telf finanzjarju (hareg il-flus minghalih sabiex jithallsu lill-VAT department), izda kkomplikatlu hajtu f'termini ta' proceduri penali kontra tieghu. Hawn m'ghandniex lill-esponent, forsi f'xi rkejjen neboluzi fMalta, jew forsi ma' xi bar u flixkun birra f'xi lok mhux tant ta' reputazzjoni tajba, jiltaqa' (wara li huwa jkun appozitament fittex) ma' persuna li tipprezenta ruhha bhala wahda li tista' 'tirranga' l-affarijiet.

i) Hawnhekk ghandna lill-esponent li cempel gewwa l-VAT department biex ikellem lil xi hadd dwar is-sekwestru li kellu kontra tieghu – u mhux dwar il-VAT dovut u/jew multi relativi!

ii) Hawnhekk ghandna lill-esponent li, ufficjalment mid-dipartiment, inghata numru sabiex icempel lil persuna partikolari;

iii) Hawnhekk ghandna lill-esponent li effettivament iltaqa' mal-persuna, indikata minn xi hadd fid-dipartiment, propju hdejn id-dipartiment;

iv) Hawnhekk ghandna lill-esponent li, minnufih meta ltaqa' mat-terza persuna (identifikat aktar tard bhala Alfred Mallia), din l-istess persuna identifikat ruhha bhala li tahdem gewwa l-VAT department u kien ghalhekk li ltaqghu hemmhekk;

v) Hawnhekk ghandna lill-esponent li lilu qed jinghad diskors li jidher li jaghmel sens; intalab jaghti dettalji bhan-numru tal-VAT, naturalment ghaliex min jahdem gewwa d-dipartiment (suppost Alfred Mallia) ikun jista' jaghmel ir-ricerka necessarja propju bis-sahha ta' dak in-numru; intalab jaghti wkoll cekkijiet, li maghhom igibu s-serhan tal-mohh minhabba *traceability*. Intalab igib somma sostanzjali fi flus kontanti wara li Alfred Mallia accertah li kien iccekkjalu x'kienet il-problema – flus kontanti li f'xi minn daqqiet l-awtoritajiet jeziguhom biex jevitaw il-possibilita` tal-inkonvenjent ta' *bounced cheques*. Anki r-registru tal-Qorti jezigi li jsir il-hlas fi flus kontanti u jekk le, jezigu li jkun permezz ta' *bank draft* jew b'cekk mahrug minn kont ta' avukat!

"Illi dan hu l-kuntest li tpogga fih l-esponent. Wara li cempel huwa stess fid-dipartiment, serrah mohhu li jista' jkellem lil xi hadd mid-dipartiment dwar is-sekwestru. Minn dan il-mument 'il quddiem l-esponent tpogga f'pozizzjoni tali li a bazi taghha kien, anki jekk inkonxjament, seta' jserrah rasu li l-affarijiet qed isiru b'mod genwin minn nies li qed jagixxu ghad-dipartiment. Tpogga fl-impressjoni genwina li dak li qed isir qed isir *above board* minn nies kompetenti; li dawk l-istess nies talbuh ihallas wara li (l-esponent hekk gie indott jemmen) accertaw genwinament li fil-*file* tieghu seta' kien hemm zball u trangaw il-konteggi. Kompla tpogga f'pozizzjoni serena meta huwa rcieva anki l-kontro-mandat go daru minn marixxal tal-Qorti, addirittura!

"Illi bir-rispett jigi sottomess li mhux legalment u ragonevolment sostenibbli l-argument illi, ghax l-esponent kien ilu fin-negozju, ghax normalment kien jinkariga lill-*accountant* u ghax irrilaxxja minn idejh flus kontanti, allura huwa kien jaf li ser jitbaghbsu r-*returns* u jigi ngannat l-gvern. Bir-rispett, konkluzjoni bhal din tkun konkluzjoni gratuwita li ma ghandha ebda bazi legali u fattwali. Fl-istess nifs jigi sottomess bir-rispett illi l-fatt li l-esponent kien ilu fin-negozju, ghax normalment kien jinkariga lill-*accountant* u ghax irrilaxxja minn idejh flus kontanti, ma jista' qatt jigi ekwiparat mal-intenzjoni rikjesta fil-komplicita`. L-intenzjoni ma hijiex deducibbli minn argumentazzjoni izda ghandha tkun deducibbli minn fatti u provi univoci u konkordanti li jippuntaw lejn direzzjoni wahda (assumendo li fil-kaz odjern m'ghandekx prova diretta tal-intenzjoni izda ghandek diversi fatturi li jikkwalifikaw bhala provi indiretti). Jekk dawk il-provi jhalluk f'salib it-toroq, u daqs kemm tista' tmur f'direzzjoni, daqstant iehor tista' tmur f'direzzjoni ohra, allura dawk il-provi ma jkunux provi indiretti idonei li a bazi taghhom tista' tinstab il-htija.

"Biex tissussisti l-komplicita` jrid ikollok il-*concursus delinquentium,* l-intenzjoni komuni bejn il-protagonisti. Jekk le, allura ma tezistix il-komplicita`. Fil-kaz odjern, la darba hemm il-prova li, anke jekk ghal ftit mumenti meta huwa ltaqa' ma' u rrilaxxja l-flus lil Alfred Mallia, emmen genwinament li l-kaz tieghu kien qed jigi indirizzat regolarment, ma jista' qatt jinghad li l-esponent u Alfred Mallia qatt kellhom intenzjoni wahda komuni li a bazi taghha setghet tinstab il-htija fuq 1-esponent skond it-tlett imputazzjonijiet indikati bhala (c), (d) u (e);

"Illi ghalhekk, il-konsegwenza ta' dawn ir-rizultanzi hija li l-esponent ghandu jinstab mhux hati ukoll ta' dawn l-imputazzjonijiet (bil-konsegwenza li dan ikollu fuq il-kwistjonijiet tar-recidiva, l-Art 23A(2) u l-Art 533 tal-Kap 9);

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad bir-rispett, in tema ta' piena, li fil-kaz odjern jezistu cirkostanzi li ghandhom bir-rispett jimmilitaw favur ir-revizjoni. Ma jidhirx li giet stabbilita uniformita` – meta wiehed jara sentenzi simili jsib illi persuni ohra akkuzati bl-istess imputazzjonijiet gew ikkundannati ghal sentenza sospiza wara ammissjoni. Allura ghax wiehed jipprotesta l-innocenza tieghu u jirribatti l-provi, allura dan jigi ppregudikat; ghax ma hallasx fil-mori tal-proceduri, allura inqiesuh bhala recidiv filwaqt li haddiehor, ghax hallas, ma jitqiesx bhala recidiv – wara kollox l-esponent ma hallas xejn fil-mori tal-proceduri ghaliex propju hemm proceduri amministrattivi (Appell quddiem il-Kummissarji Specjali), u dan l-esponent qed jaghmlu in tutela tad-drittijiet tieghu. L-esponent mhux persuna b'karattru kriminali, u karcerazzjoni effettiva hija

oggettivament hazina u li biha mhux talli ser issir hsara lill-esponent izda mhux ser tiggwadanja s-socjeta';

"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent umilment jirrileva li s-sanzjoni tal-prigunerija effettiva hija wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. L-esponent seta' gie indott fl-izball, kif jghid hu seta' kien *naïve*. Ghalhekk jidher li f'dan il-kuntest ikun ghaqli li jigi inkarigat ufficjal tal-*probation* biex ihejji rapport u ghalhekk l-esponent jirrizerva d-dritt li jaghmel umili talba f'dan is-sens.

"Ic-cirkostanzi tal-kaz odjern u tal-esponent huma tali li bir-rispett ghandhom jattiraw temperament f'tali sanzjoni."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Mill-provi jirriżulta li l-appellant kien iġestixxi r-restaurant tal-Marsa Golf Club u kien reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bin-numru ta' reġistrazzjoni 1563 4309. Dam fit-tmexxija sas-sena 2005 meta ġie sospiż u għal xi snin wara ommu kompliet tmexxi dan in-negozju. Għal bidu baqgħet tuża n-numru tiegħu tal-VAT. Joanne Hefney in rappreżentanza tad-Dipartiment xehdet li d-denunzji preżentati mill-appellant fis-sena 2004 kienu juru taxxa pagabbli fl-ammont komplessiv ta' €3,970.372; l-erbgħa denunzji preżentati għas-sena 2005 (denunzji li ġew preżentati kollha flimkien fit-13 ta' Novembru 2008) kienu juru kreditu komplessiv ta' €25,936.91; l-erba' returns għas-sena 2006 kienu kollha nil returns. Qalet li fil-konfront ta' l-appellant kienu saru xi provisional assessments fis-somma ta' €91,552.72.

**8.** Da parti tiegħu l-appellant jgħid li huwa kellu problemi mad-Dipartiment peress li huwa kien jippreżenta u jħallas id-denunzji tard u bħala konsegwenza ta' dan kienu qed jiddekorru kontra tiegħu penali u imgħaxijiet. F'xi żmien l-ammont dovut lid-Dipartiment kien ta' circa €28,000; id-Dipartiment kien qed jipprova jirkupra dan l-ammont permezz ta' proċeduri ċivili inkluż il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru. L-appellant għamel kuntatt telefoniku mad-Dipartiment, tkellem ma xi ħadd li ma jafx min kien, din il-persuna qaltlu biex jiltaqa' ma' ħaddieħor u anke tagħtu numru tat-telephone biex iċempel lil din il-persuna l-oħra. Dan irriżulta li kien ċertu Alfred Mallia. L-appellant ċempillu u ltaqa' miegħu viċin id-Dipartiment; l-appellant spjega lil Mallia (li lill-appellant qallu li kien jaħdem id-Dipartiment tal-VAT) x'problemi kellu u qallu x'kien in-numru tal-VAT tiegħu; Mallia qallu biex jikkontattjah gimgħa wara. Meta l-

appellant reġa' kkuntattja lil Mallia, dan qallu li biex jirranġalu kellu jħallas €8,000. Reġgħu ltaqgħu u l-appellant ħallas €8,000 fi flus kontanti u għadda lil Mallia tliet ċekkijiet għall-ammonti ta' €422.22, €486, u €560.22 li kienu għad-Dipartiment u għall-Qorti għall-ħruġ tal-kontro-mandat; dawn iċ-ċekkijiet huma datati 6 ta' Jannar 2009. Meta l-appellant għamel il-ħlas Mallia tah dak li l-appellant iddeskriva bħala "r-receipts is-sofor" (il-kopji ta' erba' denunzji). Ftit wara l-appellant ġie notifikat uffiċjalment bil-kontro-mandat.

**9.** L-appellant jghid li huwa kien konvint li Mallia kien jaħdem id-Dipartiment tal-VAT u li t-€8,000 li ta lil Mallia kienu għad-Dipartiment. L-appellant m'għaddhiex dokumentazzjoni lil Mallia għax Mallia qallu li bin-numru tal-VAT għandu l-informazzjoni kollha mid-Dipartiment. Meta Mallia tah id-denunzji u li, skond l-appellant, Mallia qallu li kienu l-irċevuti tad-Dipartiment, huwa mar tahom lil ommu biex tpoġġihom fil-file li għandhom id-dar u ma tax każhom aktar. Huwa ma kienx qabbad lill-accountant li solitament kien iqabbad għax meta ċempel id-Dipartiment dwar is-sekwestru, infurmawh li jirranġaw u tawh in-numru ta' Mallia. L-appellant ikkonferma li fuq dawk id-denunzji m'hemmx kitba tiegħu u ma kien sar l-ebda ftehim dwarhom. Il-pożizzjoni llum hi li wara li kellmu l-Ispettur investigattiv huwa mar għand awditur ġdid biex jirranġaw l-affarijiet u jagħtu returns sewwa u jħallas iżda ġie nfurmat li ma setgħux jaċċettawhom għax kien hemm on-going case, u l-każ mar quddiem il-Board of Commissioners.

**10.** Issa, l-appellant ġie akkużat b'kompliċita` fit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet. Sabiex teżisti l-kompliċità jrid ikun hemm dak illi huwa magħruf bhala *"a common design"* bejn l-awtur u l-kompliċi. Fil-każ in eżami l-att in kwistjoni huwa l-mili u preżentar tad-denunzji foloz lid-Dipartiment tal-VAT. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma tirriżulta l-ebda prova li turi li l-appellant kien konsapevoli tal-fatt illi se jimtlew denunzji foloz; ma tirriżulta l-ebda prova li turi li għen jew assista b'xi mod sabiex jimtlew dawk id-denunzji – difatti lanqas ma huma ffirmati minnu; lanqas ma tirriżulta xi prova li turi li sar xi ftehim dwarhom.

**11.** Fil-liġi Maltija, il-figura ta' *accessory after the fact* li teżisti fil-liġi Ingliża ma tiffurmax parti mill-elementi inklużi u msemmija tassattivament fil-liġi, biex ikun hemm kompliċita' fir-reat.[1] Fin-Noti tal-Professur Mamo[2] insibu dan li ġej: 'Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof ... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prisons, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be

[1] Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija kontra Shirley Chircop**, 6 ta' Ġunju 2002.
[2] Paġna 126.

considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case, the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity and not its fulfilment after the fact.' Il-fatt li l-appellant irċieva l-kopji tad-denunzji mingħand Mallia ma hijiex prova tal-*common design* rigwardanti d-denunzji. Ġew ippreżentati lilu bħala *fait accompli*. Din il-Qorti tixtieq tinnota wkoll, in vista ta' kumment ta' l-ewwel Qorti, illi meta ssir referenza għall-kopji tad-denunzji bħala rċevuti lanqas jista' jingħad li huwa żbaljat peress illi l-kopja s-safra hija l-kopja li tinżamm mit-taxpayer u li fuqha d-Dipartiment jittimbra d-data meta d-denunzja tkun ġiet riċevuta fid-Dipartiment. Fil-każ in kwistjoni fil-fatt l-erba' kopji għandhom it-timbru "RECEIVED" bid-data tat-13 ta' Novembru 2008.

**12.** B'danakollu l-appellant ma jistax jitqies ħieles minn kull responsabbilta`. Huwa minnu li kwantu għall-ħlas ta' €8,000, l-appellant, sa mill-interrogatorju mill-Pulizija (fi żmien meta ma kienx ikun hemm assistenza legali) stqarr li għalih dan il-pagament kien għad-Dipartiment. Hu qal: "I must have been naive" meta ħaseb hekk. L-ewwel Qorti ma qisitx lill-appellant kredibbli. M'hemmx dubju li l-appellant waqa' fit-tranell ta' nies bla skrupli illi bir-raġġiri tagħhom ġegħluh jemmen illi setgħu jirranġawlu s-sitwazzjoni tiegħu vis-a-vis id-Dipartiment tal-VAT. Pero` kien hemm ċirkostanzi li kienu jindikaw li a*ll was not as it seemed*; prinċipalment il-fatt li ltaqa' ma' Mallia barra d-Dipartiment (u dan f'żewġ okkażjonijiet separati) u mhux f'uffiċċju ġewwa – huwa mod xejn ortodoss ta' kif tipprova tasal għal ftehim ma' dipartiment governattiv. L-ewwel Qorti kkummentat, korrettement, li "diffiċilment tifhem kif persuna, anke ta' intelliġenza baxxa, tista' tasal biex taħseb li bil-ħlas ta' €8,000 (u t-tliet ammonti l-oħra li jammontaw għal €1,468.44) setgħet tissalda kont ta' €28,000 u li dan kien ser isir b'mod leġittimu." Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti hu li l-appellant kien jaf liema mod illeġittimu kien se jintuża. Għalhekk, filwaqt illi din il-Qorti ma taqbilx li l-appellant kellu jinstab ħati tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet kif dedotti, hija se tiddikjarah ħati ta' kompliċita` fir-reat ta' frodi nnominat, reat li hu kompriż u involut fir-reat ta' truffa.

**13.** Kwantu għall-piena, din il-Qorti tqis illi l-appellant ħa passi sabiex jissana l-pożizzjoni tiegħu, u dan permezz ta' proċeduri quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames

imputazzjonijiet u in kwantu kkundannatu tmintax (18) il-xahar priġunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) ta' l-istess Kapitolu 9 ikkundannatu għal ħlas ta' multa fl-ammont ta' €25,936.19, u minflok tiddikjarah ħati talli f'Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer saħħaħ il-volonta` ta' ħaddieħor biex għamlu qliegħ b'qerq għad-danni tal-Gvern ta' Malta u, wara li rat l-artikoli 42, 309, 310(1)(a), 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sentejn millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.